**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI 26**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira**

Laqgħa Numru 26 Nhar it- Tlieta 23 ta' Gunju, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira ltaqa' fil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil- 4:30pm.

Preżenti:

- Neville Chetcuti – Sindku
- Ralph Mangion – Viċi Sindku
- Martin Vella – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera
- Jessica Borg – Kunsilliera
- Tania Borg – Kunsilliera
- Aaron Caruana – Kunsillier
- Joyce Bray – Kunsilliera

Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

- Ryan Sciberras – Kunsillier

Assenti:

Ħadd

Uffiċjali Preżenti:

Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

**26.2.1 Qari tal-Minuti**
Is-Sindku fetaħ din il-parti tal-laqgħa billi informa lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva r-riżenja tal-Kunsillier Indipendenti, is-Sur Conrad Borg Manche. Is-Sindku rringrazzjah tas-servizz u tal-kontribut li ta lill-komunità tal-Gżira matul iż-żmien li serva bħala membru tal-Kunsill Lokali.
Wara dan, is-Sindku talab lill-membri tal-Kunsill biex jikkunsidraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru 25. Peress li l-abbozz tal-minuti kien tqassam minn qabel lill-kunsilliera kollha, il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.
Il-membri preżenti ma ressqu l-ebda korrezzjoni jew emenda għall-kontenut tal-minuti. Għaldaqstant, il-Minuti tal-Laqgħa Nru 25 ġew ikkunsidrati bħala korretti u kompluti u ġew approvati unanimament mill-Kunsill.
**Proposta:** Kunsilliera Tania Borg
**Sekondata:** Kunsillier Jessica Borg
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**
**26.3.1 Toroq**
Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isiru xogħlijiet relatati mas-servizzi tad-dawl u tal-ilma minn entitajiet responsabbli f'diversi partijiet tal-lokalità. Huwa rrikonoxxa li dawn ix-xogħlijiet jistgħu jikkawżaw ċertu inkonvenjent lir-residenti u lill-utenti tat-toroq matul iż-żmien li jkunu għaddejjin.
Madankollu, huwa spjega li dawn ix-xogħlijiet huma meħtieġa u li, ladarba jitlestew, il-lokalità mistennija tibbenefika minn infrastruttura u servizzi aħjar. Il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-progress tax-xogħlijiet u, fejn ikun meħtieġ, jikkomunika mal-entitajiet ikkonċernati sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent għall-komunità.

**26.3.2 Sigurta**
Is-Sindku informa lill-membri li l-Korp tal-Pulizija flimkien ma TM u LESA qed ikompli jagħmel rondi fil-lokalità. Huwa rrimarka li, minkejja li l-preżenza tahhom hija ta' għajnuna u tikkontribwixxi għas-sigurtà fit-toroq, dejjem hemm il-ħtieġa li jkun hemm aktar infurzar u preżenza fejn ikun meħtieġ.
Il-Kunsill innota li ż-żieda fir-rondi tgħin biex tissaħħaħ is-sigurtà u l-ordni pubbliku fil-lokalità.

**26.3.3 Proġetti li jsiru fil-lokalità**
Is-Sindku tkellem dwar il-ħtieġa li l-kuntratturi u l-entitajiet responsabbli għal proġetti li jkunu ser isiru fil-lokalità jinfurmaw lill-Kunsill minn qabel dwar ix-xogħlijiet ippjanati.

Huwa spjega li jkun ta' benefiċċju jekk, qabel ma jibda proġett, il-kuntratturi jiltaqgħu mal-Kunsill u jippreżentaw id-dettalji tax-xogħlijiet li jkunu ser isiru. B'dan il-mod, ikun jista' jsir koordinament aħjar, jiġu identifikati problemi potenzjali minn qabel u, fejn possibbli, jinstabu soluzzjonijiet qabel ma jibda x-xogħol.
Il-Kunsill qabel li koordinament aħjar minn qabel jista' jgħin biex jitnaqqsu l-problemi u l-inkonvenjenzi li jistgħu jinqalgħu matul l-implimentazzjoni tal-proġetti.

**26.3.4 Manoel Island**
Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi relatati ma' Manoel Island. Huwa nnota li fl-aħħar tlestew u ġew installati s-slielem meħtieġa.
Ġie nnotat ukoll li s-servizz tal-minivan huwa mistenni jibda jopera matul il-perjodu minn Ġunju sa Settembru, sabiex ikun hemm aċċess u trasport aħjar għaż-żona matul ix-xhur tas-sajf.
**26.3.5 Permessi tal-kjoskijiet tal-festa**
Saret diskussjoni dwar il-permessi relatati mal-kjoskijiet matul iż-żmien tal-festa.
Ġie spjegat li kull persuna li tingħata permess għal kjosk u ma tagħmilx użu minnu għal sentejn konsekuttivi tista' titlef il-post tagħha. Ġie diskuss ukoll li, jekk persuna ma tħallasx il-permess dovut kull sena, titlef id-dritt għall-post fis-snin ta' wara.
Il-Kunsill innota l-importanza li l-permessi jiġu rispettati u li l-obbligi relatati magħhom jiġu osservati sabiex ikun hemm amministrazzjoni ġusta u ordnata tal-postijiet disponibbli.

**26.3.6 26 ta' Lulju – Legends on the Promenade**
Is-Sindku ta update dwar l-attività **"Legends on the Promenade"**, li ser issir fix-xatt tal-Gżira nhar is-26 ta' Lulju.
Ġie nnotat li l-attività ser tibda fis-7:30 p.m. u tintemm fil-11:00 p.m. Il-Kunsill ġie infurmat dwar l-arranġamenti relatati mal-attività u l-preparazzjonijiet li qed isiru sabiex din tkun tista' ssir b'mod organizzat u sigur.

**26.4 Mistoqsijiet u Diskussjonijiet mill-Kunsilliera**

**26.4.1 Infurzar u tindif**
Il-Viċi Sindku, is-Sur Ralph Mangion, enfasizza l-ħtieġa għal aktar infurzar fir-rigward tal-użu u r-rimi tal-boroż taż-żibel kif ukoll dwar it-tindif fil-lokalità. Huwa semma b'mod partikolari ż-żona ta' Stuart u t-toroq tal-madwar, fejn hemm il-ħtieġa għal aktar attenzjoni u kontroll. Ġie diskuss li l-infurzar għandu

jkompli jsir sabiex jiġu evitati każijiet ta' abbuż u sabiex jinżammu l-indafa u l-ordni fil-lokalità.

### 26.4.2 Ħasil tat-toroq

Il-Kunsillier is-Sur Aaron Caruana staqsa meta kien mistenni jibda l-programm tal-ħasil tat-toroq.
Huwa staqsa wkoll jekk kienx possibbli li l-Kunsill ikollu skeda jew programm li jindika meta kull triq tkun ser tinħasel. Huwa spjega li skeda bħal din tkun ta' għajnuna kemm għall-Kunsill kif ukoll għar-residenti sabiex ikunu jafu meta jkun ser isir it-tindif f'kull żona.
Il-Kunsill ħa nota tal-mistoqsija u ser jara l-possibbiltà li jkun hemm aktar koordinament u informazzjoni dwar il-programm tal-ħasil tat-toroq.

### 26.4.3 Invit għall-festa

Il-Kunsill esprima r-ringrazzjament tiegħu lill-Kappillan, Dun Gordon Refalo, għall-istedina li bagħat lill-Kunsill sabiex jattendi għall-attivitajiet relatati mal-festa.
Il-Kunsilliera Jessica Borg spjegat il-programm tal-festa u tat aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet ippjanati. Hija rringrazzjat ukoll lis-Sindku u lill-kunsilliera għall-kontribut u d-donazzjoni tagħhom.

### 26.4.4 Kameras tas-sigurtà u skemi ta' housing

Il-Kunsillier Martin Vella staqsa dwar l-istat tax-xogħol relatat mal-kameras tas-sigurtà fil-qasam tal-housing kif ukoll dwar l-iskemi relatati.
Is-Sindku wieġeb li l-proċess jinsab fl-aħħar stadju tiegħu u li x-xogħol huwa mistenni jibda fil-futur qarib.

### 26.4.5 Problema tal-ħamiem

Il-Kunsilliera Joyce Bray enfasizzat il-problema serja li qed tiffaċċja l-lokalità minħabba l-preżenza eċċessiva tal-ħamiem.
Hija spjegat li s-sitwazzjoni hija waħda ta' tħassib u li l-preżenza tal-ħamiem qed tikkawża problemi ta' ndafa u iġjene f'diversi żoni tal-Gżira. Il-Kunsill iddiskuta l-ħtieġa li din il-kwistjoni tingħata aktar attenzjoni u li jiġu kkunsidrati miżuri xierqa biex titnaqqas il-problema.

### 26.5.1 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlasijiet

L-Iskeda tal-Ħlasijiet Nru 25/9 ġiet ippreżentata lill-Kunsill għall-kunsiderazzjoni.
L-iskeda ġiet eżaminata fid-dettall mill-membri preżenti, li rrevedew il-ħlasijiet

inklużi fiha. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjonijiet, il-Kunsill approva l-Iskeda tal-Ħlasijiet.
**Proposta:** Kunsilliera Joyce Bray
**Sekondata:** Kunsillier Martin Vella
**Deċiżjoni:** Approvata unanimament.

---

### 25.7 Tmiem il-Laqgħa

Peress li ma kien hemm l-ebda suġġett ieħor fuq l-aġenda, is-Sindku rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill għall-attendenza tagħhom u għall-kontribut li taw matul il-laqgħa.
Is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fis-6:00 p.m.
Ġie nnutat li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali ser issir nhar it-Tlieta, 28 ta' Lulju 2026, fil-5:30 p.m., fil-boardroom tal-Kunsill Lokali.

**IFFIRMATA:**

| | |
|---|---|
| **Neville Chetcuti** | **Mandy Farrugia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |